Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2777

15.12.2023

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2777

tat-3 ta' Ottubru 2023

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2020/2170 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni għal ċerti prodotti tal-azzar ittrasferiti lejn l-Irlanda ta' Fuq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/2170 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1a, u l-Artikolu 1b tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness tar-Regolament (UE) 2020/2170 fih lista ta' merkanzija li toriġina mir-Renju Unit u li hija soġġetta għall-miżuri ta' salvagwardja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 ([2]) li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett minn partijiet oħra tar-Renju Unit u li għandha tkun eliġibbli għal trattament skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jekk dik il-merkanzija tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorju tal-Irlanda ta' Fuq.

(2) Kif stabbilit fil-premessa (4) tar-Regolament (UE) 2023/1321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), ir-Renju Unit ipprovda evidenza li turi li ċerti prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Renju Unit li bħalissa huma soġġetti għall-miżuri ta' salvagwardja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 ("il-prodotti kkonċernati") ġew ittrasferiti fi kwantitajiet sinifikanti lejn l-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit. Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika ta' dawk it-trasferimenti u fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi fl-Irlanda ta' Fuq, kien meqjus xieraq li l-prodotti kkonċernati jitħallew jibbenefikaw ukoll mill-kwoti tariffarji tal-Unjoni rilevanti meta jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq.

(3) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1321, ir-Renju Unit ipprovda evidenza simili għall-evidenza msemmija fil-premessa (2) hawn fuq, li turi li ħames kategoriji addizzjonali tal-prodotti kkonċernati ġew ittrasferiti wkoll fi kwantitajiet sinifikanti lejn l-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit. Għalhekk, ir-Renju Unit talab li dawn il-ħames kategoriji tal-prodotti kkonċernati jkunu eliġibbli wkoll għal trattament skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jekk jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorju tal-Irlanda ta' Fuq.

(4) Il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex xieraq, sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika ta' dawk it-trasferimenti u fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi fl-Irlanda ta' Fuq, li dawn il-ħames kategoriji addizzjonali tal-prodotti kkonċernati jitħallew jibbenefikaw ukoll mill-kwoti tariffarji tal-Unjoni rilevanti meta jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq.

(5) Il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-evidenza pprovduta mir-Renju Unit turi li hemm il-ħtieġa li dawn il-ħames kategoriji tal-prodotti kkonċernati jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Irlanda ta' Fuq,

(6) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE) 2020/2170 jiġi emendat,

([1]) ĠU L 432, 21.12.2020, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).
([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/1321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023, li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2170 fir-rigward tal-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni (ĠU L 166, 30.6.2023, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) 2020/2170 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS

Deskrizzjoni tal-Kwota Tariffarja (Tariff Rate Quota, TRQ)	**Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM)** [1]
Il-kategorija 7 tal-azzar	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80, 7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60, 7225 99 00
Il-kategorija 8 tal-azzar	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00
Il-kategorija 9 tal-azzar	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80
Il-kategorija 13 tal-azzar	7214 20 00, 7214 99 10
Il-kategorija 17 tal-azzar	7216 31 10, 7216 31 90, 7216 32 11, 7216 32 19, 7216 32 91, 7216 32 99, 7216 33 10, 7216 33 90
Il-kategorija 25 A tal-azzar	7305 11 00, 7305 12 00
Il-kategorija 28 tal-azzar	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90

[1] Kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1)."